MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Numru 769/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL CAMILLERI**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**RODERICK BARUN**

**Illum 17 ta’ Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Roderick Barun ta’ 17-il-sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rita Casha, imwieled Pieta’, fit-30 ta’ Jannar 1986, li fil-prezent joqghod 40, St. Nicholas Street, Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 75486(M);

Talli fis-27 ta’ Marzu 2002, ghall-habta tas-01.30am fil-Belt, Valleta:

1) Ikkommetta serq ta’ erba’ (4) speakers u amplifier, li l-valur taghhom ma’ jeccedix l-mitt lira maltin (Lm100), minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAN 625, ghad-dannu ta’ Christian Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Wara illi rat l-Artikoli 261(f), (g), 270 u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tikkundannah ghal teriminu ta’ sena (1) prigunerija, izda tordna illi dan il-perjodu ma’ jibdix isehh, hlief jekk matul sentejn (2) zmien mil-lum, l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur ta’ l-Artikolu 28H, il-Qorti qeghda tapponta lill-Probation Officer Mary Grace Vella, sabiex tirraport verbalment kull tlett (3) xhur dwar l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------